MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 169/2005

APS Bank Limited (C 2192)
vs
1. HD Holdings Limited (C 29720) 2. Ronald Azzopardi (ID 700661M) u martu Mariella Azzopardi (ID 739262M)

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ippremetta:

Illi permezz ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok A) u kif ukoll permezz tas-*Sanction Letter* relattiva datata sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok B), il-Bank attur ikkonceda b'titolu ta' self lis-socjeta` konvenuta HD Holdings Limited is-somma ta' mitejn u hamsin elf lira Maltin (Lm250,000), taht il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha msemmija fl-istess kuntratt ta' self u *Sanction Letter*.

Illi kif jirrizulta mill-precitati kuntratt ta’ self u *Sanction Letter*, l-imsemmija somma mislufa u imghaxijiet relattivi kellhom jithallsu lura sa mhux aktar tard mit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004).

Illi l-konvenuti l-ohra Ronald Azzopardi u martu Mariella Azzopardi ikkostitwew ruhom bhala garanti solidali mal-imsemmija HD Holdings Limited favur is-socjeta` attrici u dana bhala garanzija ghall-hlas lura ta’ l-imsemmi self u ta’ l-imghaxijiet u spejjez relattivi u dan kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) li giet annessa mac-citazzjoni u immarkata (Dok C).

Illi l-bilanc ta’ debitu dovut illum skond l-imsemmija facilita` ta’ self jammonta ghas-somma ta’ mitejn u disgha u hamsin elf, tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm259,881.45) dovuta kwantu ghas-somma ta’ mitejn u hamsin elf, mija tnejn u erbghin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm250,142.44) bhala bilanc ta’ debitu ta’ *Loan Account Number* 20000131554 (Dok D) u kwantu ghas-somma ta’ disat elef seba’ mija u disgha u tletin lira Maltija u centezmu (Lm9,739.01) bhala bilanc ta’ debitu ta’ ‘*Interest Disposal Current Account*’ numru 20000233617 (Dok E) u dana oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi ghalhekk il-konvenuti jinsabu moruzi fil-konfront tas-socjeta` attrici stante li l-imsemmija self u imghaxijiet relattivi baqghu ma thallsux lura minkejja l-fatt li skada t-terminu pattwit li fih kellhom jithallsu lura l-imsemmija somma mislufa w imghaxijiet relattivi.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, u kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza, il-konvenuti kisru wkoll kundizzjonijiet u pattijiet ohra (*events of default*) stipulati fl-imsemmi kuntratt ta’ self u *Sanction Letter* u ghalhekk illum jinsabu inadempjenti.

Illi ghalhekk il-konvenuti kollha, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta` attrici ta' l-imsemmija somma ta' mitejn u disgha u hamsin elf, tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm259,881.45) u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagment effettiv.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-imsemmi debitu, anke permezz ta' ittra ufficjali (Dok F), izda baqghu inadempjenti.

Il-bank attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma moruzi fil-konfront tas-socjeta` attrici stante li l-imsemmi self u imghaxijiet relattivi, naxxenti minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok A) u s-*Sanction Letter* relattiva datata sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok B), baqghu ma thallsux lura minkejja l-fatt li skada t-terminu pattwit li fih kellhom jithallsu lura l-imsemmija somma mislufa w imghaxijiet relattivi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti, '*in solidum*' bejniehtom, ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' mitejn u disgha u hamsin elf, tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm259,881.45) dovuta kwantu ghas-somma ta' mitejn u hamsin elf, mija tnejn u erbghin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm250,142.44) bhala bilanc ta' debitu ta' *Loan Account Number* 20000131554 (Dok D) u kwantu ghas-somma ta' disat elef seba' mija u disgha u tletin lira Maltija u centezmu (Lm9,739.01) bhala bilanc ta' debitu ta' '*Interest Disposal Current Account*' numru 20000233617 (Dok E) u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti '*in solidum*' inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru, Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Inibizzjoni prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni,

u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti '*in solidum*' mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, peress illi l-ammont intier kif rikjest mhux effettivament dovut, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, fit-tieni lok, u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici naqset milli tirregistra d-dritt, u senjatament l-ipoteka specjali lilha koncessa minn HD Holdings Limited fil-kuntratt tal-24 ta' Novembru 2003 (esebit mill-istess socjeta` attrici bhala Dok A mal-att tac-citazzjoni) u dan minkejja l-fatt illi kull self illi sar mill-istess socjeta` attrici lil HD Holdings Limited sar bl-intiza cara li l-fondi ghar-ripagament kellhom jigu ottenuti mill-bejgh tal-proprjeta` li fuqha giet koncessa l-ipoteka specjali – ovvjament bl-eventwali rilaxx u kancellament tad-drittijiet tas-socjeta` attrici, kif solitu jsir fil-qasam bankarju.

3. Illi effettivament, dan wassal ghal sitwazzjoni fejn terzi persuni indikati mill-istess socjeta` attrici fil-lista tax-xhieda taghha, approfittaw irwiehom mill-imsemmi nuqqas tas-socjeta` attrici, bi pregudizzju ghall-konvenuti, u b'mod illi llum wassal ghall-impossibilta` fizika u legali li jigi saldat kwalunkwe debitu effettivament dovut lis-socjeta` attrici, kif jista' jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi, ulterjorment u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, kif indikat minnha stess fl-Atti tac-Citazzjoni, is-socjeta` attrici talbet u ottjeniet, fil-konfront tal-konvenuti, il-hrug ta' Mandati Kawtelatorji u

cioe` Mandat ta' Sekwestru, Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Inibizzjoni, b'mod illi effettivament irrendiet totali l-impossibilta` fizika u legali assoluta tal-konvenuti li b'xi mod jottjenu fondi u likwidita` sabiex b'hekk ikunu jistghu jissaldaw kwalunkwe ammont illi jista', semmai, jirrizulta bhala dovut.

5. Illi fic-cirkostanzi u in linea sussidjarja, l-konvenuti ma ghandhom bl-ebda mod isoffru l-ispejjez u l-interessi li s-socjeta` attrici tippretendi minnhom meta tali spejjez u interessi qed jigu inkorsi u jiddekorru bhala rizultat dirett ta' l-agir u/jew in-nuqqas ta' l-istess socjeta` attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti li giet prezentata llum.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tal-bank attur jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqagghom u qed tiddikjara li l-konvenuti huma moruzi fil-konfront tas-socjeta` attrici stante li l-imsemmi self u imghaxijiet relattivi, naxxenti minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok A) u s-*Sanction Letter* relattiva datata sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok B), baqghu ma thallsux lura minkejja l-fatt li skada t-terminu pattwit li fih kellhom jithallsu lura l-imsemmija somma mislufa w imghaxijiet relattivi.

Tikkundanna lill-konvenuti, '*in solidum*' bejniehtom, ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' Lm259,881.45

ossija €605,360.94 dovuta kwantu ghas-somma ta' Lm250,142.44 ossija €582,675.15 bhala bilanc ta' debitu ta' *Loan Account Number* 20000131554 (Dok D) u kwantu ghas-somma ta' Lm9,739.01 ossija €22,685.79 bhala bilanc ta' debitu ta' '*Interest Disposal Current Account*' numru 20000233617 (Dok E) u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti '*in solidum*' inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru, Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Inibizzjoni prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti '*in solidum*'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------